MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 202/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Petrod Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm333.25) rappresentanti ammont dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 9949 3916. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fis-7 ta' Marzu 2003, fejn hija ecceppiet:
1. Preliminarjament trid issir il-prova tal-kreditu mis-socjeta attrici.
2. In linea preliminari ukoll, it-talba attrici hija preskritta ai termini ta'l-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju, is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda debitu favur is-socjeta attrici.

Sema' x-xhieda ta'Sharon Calleja in rappresentanza tas-socjeta attrici.

Ra illi s-socjeta konvenuta baqghet ma resqitx provi in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnha sollevati.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2005 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza u dana fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta konvenuta baqghet ma ressqitx il-provi taghha ghalkemm kienet inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel dan.

Ikkunsidra,

Illi mix-xhieda ta' Sharon Calleja u mid-dokumenti esebieti minnha jirrizulta illi s-socjeta konvenuta kienet iffirmat kuntratt mas-socjeta attrici u dana in konnessjoni ma' servizzi fuq telefon cellulari bin-numru 99493916.

Illi mill-istatment esebiet mix-xhud u anke mix-xhieda taghha jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ghad fadlilha bilanc xi thallas ta' Lm333.25 u li l-ahhar pagament effetwat mill-istess socjeta konvenuta kien f' Mejju tas-sena 2000. Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta attrici fis-27 ta' Jannar 2003. Dana qed jinghad ai fini ta'l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta ai termini ta'l-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-preskrizzjoni bid-dekors ta' hames snin. Ghalkemm is-socjeta konvenuta naqqset milli tindika is-sub-inciz ta' dan l-artikolu li japplika ghal kaz, it-

Tribunal xortawahda iqies illi l-perijodu preskrittiv ta' hames snin kien ghadu ma iddekorriex fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta konvenuta effetwat l-ahhar pagament fis-sena 2000.

Illi ghar-rigward ta'l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta konvenuta, dawn ma gewx ippruvati u ghalhekk qed jigu michuda.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm333.25), bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Ottubru 2002, data meta l-ammont pretiz kien dovut fl-intier tieghu.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------